Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 80
# It-Tlieta 28 ta' Awissu 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku
Charles Selvaġġi – Kunsillier
Matthew Agius – Kunsillier <Dahal 5:45 pm u hareg 6:50 >
Emanuel Brincat – Kunsillier < Hareg 7:05 pm >
Maurice Agius – Kunsillier
Lino Bartolo - Kunsillier < Dahal 5:40 pm >
Romina Galea – Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Alan Abela Wadge – Kunsillier
Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**80.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;**

80.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras, li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

80.1.02 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge, li talab li jkun skużat minħabba s- safar fuq impenji ta'xoghol.

80.1.03 Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

**80.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

80.2.01 Il-minuti ta’ Seduta L7-79 ttieħdu bħala moqrija u kien hemm korrezjoni fil-minuti 79.4.05 u 79.5.06
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**80.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

80.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, għarrfet lill-Kunsilliera preżenti dwar Laqgħa ma' rappreżentanti tal-Junior College u EF school of English. Fejn attendew wkoll ufficjali tal-LESA. Fost is-suġġetti diskussi kien hemm il-preżenza tal-LESA waqt il-ħinijiet tal coaches , Attivitajiet kumerċjali u ndafa ġo żona tal-kulleġġ , Attivitajiet mill- għaqdiet tal-istudenti barra l-kulleġġ u nvolviment tal-istudenti barranin waqt l- attivitajiet tal Kunsill fejn jidħol tindif ta' xi żoni ġol- Imsida.

80.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, għarrfet lill-Kunsilliera preżenti dwar Laqgħa ma' rappreżentanti tal-Wasteserve dwar il-gbir ta'skart organiku. Preżenti għall- laqgħa kien hemm Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai , Maurice Agius u s- Segretarju Eżekuttiv. Fejn ġew diskussi l-kampanja Edukattiva li se ssir , tqassim ġod- djar tal- bins. L-Skeda ta'ġbir mid-djar u l-infurżar.

80.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, għarrfet lill-Kunsilliera preżenti dwar Laqgħa fl-uffiċċju tar-Reġjun Ċentru fejn gew diskussi ic- Cirkulari PA 1, 2 and 3. Għal fondi biex jintużaw mill- kunsilli u l- NGO, f' żvillup ta'proġetti ghall lokalita.Prezenti għall- laqgħa kien hemm is-Sur Emanuel Brincat, u Segretarju Ezekuttiv.

80.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand l-AKL dwar ħruġ ta' Permessi għall l- imwejjed u s- siġġijiet ġo Triq il-Paroċċa.

80.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni dwar ħruġ ta' tender għas Servizzi ta'qbid ta' ħamiem selvaġġ.

80.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni minn għand Trasport Malta dwar permessi biex jitwaħħlu Crash Barriers ġo Triq Mons Carmelo Żammit.

80.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni minn għand l-AKL dwar il-proċedura u s- Sistema ta'No parking relatatati ma' permessi għall-xoghol fit-toroq.

80.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni minn għand il-Green Pak dwar il- Kampanja Crush & Win.

80.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni Cirkulari AKL 2018/093 Food Safety Requirements. Meta jinħarġu l- permessi fejn ikun hemm gabbani. U attivitajiet fejn ikun hemm, l- ikel għall- konsum ta'nies.

80.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda komunikazzjoni mil- AKL Iniżjattiva MCCF 2018 għall- Kunsiliera li jridu jipparteċipaw.

**80.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

80.4.01 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar Double yellow line, quddiem residenza, Li sar flok MC bay ġo Triq il-Baċir.
Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li kien hemm ilment mir-residenta li minhabba l- muturi li tpoġġew ġo l- MC bay, Din bilkemm setgħet tidħol fid-dar. Wara li ġie vverifikat ilment l-MC bay tneħħa għax kien inqas mid-daqs li suppost ikun, u kien hemm fih żewġ muturi. Wieħed minhom bla liċenzja, li kif kienu mpoġġija kienu qedt jostakolaw l-aċċess għar-residenza.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li taf bil każ, u talbet biex l-MC bay jitneħħa.

Is-Sur Maurice Agius qal li jekk dan il każ għanda tiżdied il-linja tal- kaxxa safra u mhux double yellow line.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ser jara li ssir hekk, u meta jitlesta' ix-xogħol fil- bankini ġodda ġo din it-triq. Ser jiżgura ruħħu li jsiru sinjali kif suppost. Filwaqt li hemm parking bay, li għandu rrid jiċkien għax ġie magħmul għall- użu ta' van kbir u li mhux kif suppost. Hemm jista' jidħol MC bay tal- qies kif suppost.

80.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa' jekk jistax issiru planters, ġo Triq Prinċipessa Margaret għax hemm min qed juża l- parti l-wiesgħa tal- bankina bħala parkeġġ.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota, biex jara x' jista ssir.

80.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk jistax ssir xi ħaġa dwar il-problema tal- knis, fi' Triq l-Universita' minħabba l- konfini mal-Gżira.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ta' istruzzjonijiet lill- kuntrattur. Biex sakemm tiġi, tkun ċara sa' fejn jaslu eżatt il-konfini. Din għandha issir hawn kompla jispjega, li tkellem mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Gżira. Li nfurmah li din il biċċa hija mniżżla fil-lista tat-toroq. Fit-tender il-ġdid tal- knis tal- Gżira għadu għaddej fil- proċess ta' evaluazzjoni.

80.4.04 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar id-dawl ta' Misrah San Gużepp biex dan ikun jista' jingħadda d-dawl mill-ġdid. Minħabba, il- problemi ta' qtuħ li qed ikun hemm.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa kellem lill - kuntrattur dwar il-possibilita' li dan jinbiddel.
Is-Sur Maurice Agius qal li qabel kien hemm bosta problemi, meta ta'dgħajjes kienu jagħmlu toqob biex iqabbdu l-affarijiet, mal- ħitan u l-art ta'mal-baħar.

80.4.05 Is-Sinjura Romina Galea staqsiet jekk hux possibli, issiru bollards għad -daħla tal-Ġnien wara l-stage ġo Triq Xatt l-Imsida. Minħabba li ġieli jidħlu karozzi jipparkjaw fil- ġnien.

Il-Kunsiliera preżenti qablu li jsiru bollards.

80.4.06 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq l-art quddiem il-knisja ż- żgħira fi' Triq il- Kunċiżżjoni biex din tibqa' kif hi wara li jitlesta xoghol ta' kostruzjoni.

80.4.07 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk ġiex rrapurtat id-dawl fi' Triq Dun Karm għax it-Triq fid-Dlam.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan kien rrapurtat lill - Enemalta u dan kien issewa' u ma daħalx rapport li t- triq bla Dawl.

80.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

80.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda, talba mingħand il-Kapillan tas-Swatar dwar għajnuna għall- attivita', fl-okkazjoni li se titwassal l-Statwa titulari San Ġorġ Preca ġewwa s- Swatar.
Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew it-talba, u osservaw li t-talba kienet ta'natura finanzjarja. Fejn regolamenti tal- Kunsilli, ma' jippermettux donazzjonijiet.

80.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda sejħa għall- nominazzjoni ta'resident anzjan. Għall- Attivita' Anzjanita' Attiva.
Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew u qablu, unnanimament biex jiġi nominat is-Sur Lino Bartolo.

80.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda talba għall- no objection. Fir-rotta magħżula għall- President Solidarity fun run.
Il-Kunsiliera preżenti, qablu unnanimament .

80.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda talba min resident għall-aktar Road humps fis- Swatar.
Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew, u qablu li Road humps ikunu approvati biss skond il-bżonn prattiku ta' dawn u jekk ikun hemm kunsens mir-residenti, ta' triq li jkunu 3 bibien il-boghod minn kull naħa tar-road hump.

80.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda talba għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill għall- Pink October 2018.
Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew u qablu, li jieħdu sehem u li jinxtgħal l-Monument tal-ħaddiema bil- kulur roża.

80.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, ippreżentat fuq il-mejda kopja tal-pjanti. Li waslu ftit qabel il-laqgħa bil- proposta ta'Trasport Malta, biex ssir xi xogħol strutturali ġo Triq il-Il-Kunsiliera preżenti qablu li għandhom jingħataw kopja, biex ikunu jistgħu jaraw bil- kwiet u mbgħad jiddiskutu.

80.5.08 Is-Sur Maurice Agius talab biex tinġibed l-attenzjoni, għall- fatt li ġo Triq Rue D'Argen waqt il-marċ tal-festa kien għadt baqa' xi karozzi pparkjati. U dawn la nġibdu u lanqas ma ħadu ċittazzjoni. U dan mhux sew meta ġo okkazjonijiet oħra min ma jobdix l-avviż tal-puliżija dawn jieħdu ħsieb li jneħħu il-karozzi, u kompla jispjega jew kulhadd lstess jew le. Għax meta jaraw hekk, darba oħra n-nies jagħmlu bħal min ma tax każ l aviżż. Għalhekk għanda tinġibed l-attenzjoni tal-Puliżija.

Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew u qablu. li ssir nota lill- Ispettur.

80.5.09 Is-Sur Maurice Agius talab biex issir shifting ta'fanal ġo Triq Rue d'Argen. CW ma' Triq Mons Dandrija fuq in-naħa tal- lemin għax hemm dawl mal- ħajt. U iehor ma' arblu viċin, u dan huwa żżejjed hemm.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

80.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li s- Sindku se tattendi għall-European Week for Regions. Ġo Brussell u talab, għall- approvazzjoni tal- ħlas għall- biljetti tal-ajru.
Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew u approvaw, unanimament.

80.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill- Kunsilliera preżenti li hemm bzonn is-servizzi ta Contracts Manager, u ppreżenta' dettalji fuq il-mejda. Fejn talab biex jipproċedi għas-sejħa.
Il-Kunsiliera preżenti ddiskutew u approvaw, unanimament.

**80.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord tal-għażla tal- impjegati ġodda mal- Kunsill .**

80.6.01 Is-Segretarju Eźekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda, u qara r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Bord. Tal-għażla għall- impjieg mal- Kunsill wara li saru l-intervisti mal- kanditati, fuq sejħa għall- Clerk Skala 15 Back to Back.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament ir-rakkomandazjoni mir-rapport tal-Bord, tal-għażla għall - impjieg mal -Kunsill.

80.6.02 Is-Segretarju Eźekuttiv Alan Vella ppreżenta fuq il-mejda u qara r-rapport u r-rakkomandazzjoni tal-Bord, tal-għażla għall- impjieg mal- Kunsill. Wara li saru l-intervisti mal- kanditati fuq sejħa, għall- Clerk Skala 15 .

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament ir-rakkomandazjoni mir-rapport tal-Bord, tal-għażla għall- impjieg mal – Kunsill.

**80.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;**

80.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K7-80 < dc 80 .7. 01 > ta’ ħlasijiet bejn il-31 ta' Lulju sa 23 ta'Awissu għal approvazzjoni tal-membri.

L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Lino Bartolo, u ssekondata’ mis-Sur Charles Selvaggi.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**80.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

80.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata, għat-Tlieta 28 ta' Awwissu 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 25 ta' Settembru 2018

IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

IFFIRMATA

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv